

# Il-Ġurnal Uffiċjali C 491

## tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 65

23 ta' Diċembru 2022

Werrej

### II *Komunikazzjonijiet*

#### DIKJARAZZJONIJIET KONĠUNTI

##### **Il-Parlament Ewropew**

##### **Il-Kunsill**

##### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2022/C 491/01	Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea — Prijoritajiet Leġislattivi tal-UE għall-2023 u l-2024 .....	1
2022/C 491/02	Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni .....	6
2022/C 491/03	Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar regoli multilaterali biex jiġu indirizzati s-sussidji barranin distorsivi meta jiġi adottat ir-Regolament (UE) 2022/2560 .....	7
2022/C 491/04	Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar kjarifiki fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament 2022/2560, skont l-Artikolu 46 tiegħu .....	8

#### KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

##### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2022/C 491/05	Irtirar tan-notifika ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.10838 — BERSAN EUROPEA DE AUTOMOCION / ASTARA WESTERN EUROPE) <sup>(1)</sup> .....	9
---------------	---	---

### IV *Informazzjoni*

#### INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

##### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2022/C 491/06	Rata tal-kambju tal-euro — It-22 ta' Diċembru 2022 .....	10
---------------	--	----

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.



## II

*(Komunikazzjonijiet)*

## DIKJARAZZJONIJIET KONĠUNTI

## IL-PARLAMENT EWROPEW

## IL-KUNSILL

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea****Prijoritajiet Leġislattivi tal-UE għall-2023 u l-2024**

(2022/C 491/01)

Id-determinazzjoni u l-kapaċità tal-Unjoni tagħna li taġixxi qed jiġu sfidati mill-aggressjoni brutali u mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna, ikkaratterizzata minn vjolenza xokkanti u evidenza dejjem akbar ta' delitti tal-gwerra. L-effetti kollaterali tal-attakk tar-Russja fuq l-istil ta' ħajja li għal żmien twil konna drajna ngħixu qed iwasslu biex iċ-ċittadini tagħna jħossuhom inqas stabbli llum, u inqas siguri u inqas kunfidenti għall-futur. Minkejja l-isforzi tar-Russja biex iddghajjed u taqam l-Unjoni, aħna nibqgħu magħqudin, determinati u impenjati bis-sħiħ biex nappoġġaw lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha. L-isforzi tagħna ser jinkludu għajjnuna militari u umanitarja, appoġġ politiku u finanzjarju, kif ukoll aċċess kontinwu tal-Ukreni għall-impjiegi, l-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-kura tas-saħħa tal-UE skont il-mekkaniżmu ta' protezzjoni temporanja. Ser niffaċilitaw ukoll l-aċċess tal-Ukrajna għas-suq uniku u għaż-żona tar-roaming bla ħlas, u ser nappoġġaw ir-riabilitazzjoni u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna. Biex inżommu l-pressjoni ekonomika u ndgħajfu l-kapaċitajiet militari tar-Russja, ser niżguraw ukoll l-implimentazzjoni effettiva u kontinwa tas-sanzjonijiet kontra r-Russja. Ser nappoġġaw lill-Ukrajna u lill-Qorti Kriminali Internazzjonali fid-dokumentazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti tal-gwerra possibbli, u ser nesploraw opzjonijiet sabiex tkun jista' jiġi żgurat obbligu ta' rendikont sħiħ. Il-konsegwenzi ta' din l-aggressjoni qed jinħassu wkoll fil-viċinat immedjat tagħna, b'għadd kbir ta' persuni spostati, u globalment, b'żieda drammatika fl-insigurtà tal-ikel.

Fil-mument meta għadna kif bdejna nirkupraw mill-pandemija u għaddejjin mit-trasformazzjoni radikali biex niġġieldu sfidi serji oħra bħall-kriżijiet tal-klima u tan-natura, iċ-ċittadini tagħna qed iħabbtu wiċċhom ma' żieda drammatika fil-prezzijiet tal-elettriku u inflazzjoni li qed tiżdied. Aħna impenjati għal soluzzjonijiet komuni tal-UE biex nindirizzaw din il-kriżi tal-għoli tal-ħajja għaċ-ċittadini u n-negozji tagħna li ġiet aggravata mill-gwerra fl-Ukrajna. Wara l-Pjan REPowerEU, l-UE naqqset malajr id-dipendenza tagħha fuq l-importazzjoni tal-enerġija Russa billi tat spinta lis-sorsi alternattivi tal-enerġija, lill-iffrankar u lill-ħżin. L-użu tal-poter konġunt tagħna fis-suq, l-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni doppja fis-settur tal-enerġija u r-riforma tad-disinn tas-suq tal-elettriku ser jipprovdu lna soluzzjonijiet strutturali.

F'dan il-kuntest, ser tingħata prijorità qawwija biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-qafas finanzjarju pluriennali f'sitwazzjoni ġeopolitika u ekonomika ġdida. Ser naħdmu wkoll biex nintroduċu biżżejjed riżorsi proprji ġodda.

Aħna nilqgħu r-riżultati tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa (<sup>1</sup>), li kienet esperiment inkoraġġanti u ta' suċċess ta' demokrazzija deliberattiva. Biex jirrispondu għall-aspettattivi taċ-ċittadini, l-istituzzjonijiet ser ikomplu jiżguraw segwitu rapidu u effettiv għar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Konferenza, kull waħda fl-isfera ta' kompetenza tagħha. Ħafna proposti tal-Konferenza ġew riflessi fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2023 u aħna nimpjenjaw ruħna b'mod konġunt li nagħtuhom attenzjoni mill-qrib.

B'din id-Dikjarazzjoni Konġunta, aħna nnefasizzaw il-proposti leġiżlattivi ewlenin (<sup>2</sup>) li għalihom it-tliet istituzzjonijiet tagħna ser jimpenjaw l-aħjar sforzi tagħhom. It-twertiq ta' dawn il-prijoritajiet ser ikun saħansitra aktar importanti bil-ħsieb tal-elezzjonijiet Ewropej tal-2024, meta ċ-ċittadini ser jivvalutaw kif l-UE wieġbet għall-isfidi attwali tagħha. Dan jikkonċerna kemm il-proposti leġiżlattivi li diġà jinsabu f'idejn il-koleġiżlaturi, kif ukoll dawk li l-Kummissjoni Ewropea ser tkun ressqet sa tmiem l-2023. It-tliet istituzzjonijiet jaqblu li jagħtu l-ogħla prijorità fl-2023 u sa tmiem il-leġiżlatura fl-2024 lill-oġettivi ta' politika li ġejjin:

1. Biex inwettqu l-**Patt Ekoloġiku Ewropew** bl-għan tiegħu ta' newtralità klimatika sal-2050 minkejja ċirkostanzi ġeopolitiċi negattivi, ser naħdmu biex naċċelleraw it-tranżizzjoni ekoloġika u ġusta bħala parti ewlenija mis-soluzzjoni għas-sigurtà tal-enerġija u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija, kif ukoll għat-tħassib dwar is-sigurtà tal-ikel. Ser nagħxnu biex nikkonkludu malajr il-ħidma fuq il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" biex nilħqu l-miri tagħna ta' tnaqqis għall-2030, flimkien ma' ambizzjoni msaħħa biex jintlaħqu l-oġettivi tar-REPowerEU li tiġi eliminata gradwalment id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi u li tingħata spinta lill-enerġija rinnovabbli fl-Ewropa. Ser nagħtu prijorità lir-rinnovament totali tas-suq tal-elettriku tal-UE, lill-ispinta tal-bidu tas-suq tal-idroġenu tal-UE u lill-introduzzjoni aktar rapida tal-enerġija rinnovabbli. Ser nagħtu attenzjoni għar-restawr u l-protezzjoni tal-bijodiversità; is-saħħa tal-ħamrija; it-trażżin tat-tniġġis tal-ilma, tal-arja u mill-mikroplastiċi, u l-indirizzar tal-kriminalità ambjentali. Bl-għan li nibnu ekonomija ċirkolari, ser nistinkaw biex inwettqu d-dritt għat-tiswija, id-disinn sostenibbli tal-prodotti, l-indirizzar tal-iskart mill-imballeġġ, u niżguraw li l-konsumaturi jkollhom l-informazzjoni t-tajba dwar l-asserzjonijiet ambjentali. Ser nagħxnu fuq aktar miżuri klimatiċi, b'mod partikolari dwar l-emissjonijiet u t-tniġġis tat-trasport, l-ekoloġizzazzjoni tat-trasport tal-merkanzija kif ukoll dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju. Ser nagħtu prijorità lit-tnaqqis tal-iskart u l-impatt ambjentali tiegħu.
2. Biex niksbu t-**tranżizzjoni diġitali u nsaħħu r-reżiljenza tal-UE**, ser niffukaw fuq it-tnaqqis tal-użu tar-riżorsi u l-impatt ambjentali u klimatiku, it-tiswija tat-tmexxija tal-Ewropa fit-teknoloġiji pijunieri, is-sigurtà tal-provvista, il-kompetittività u r-reżiljenza tagħna, l-appoġġ tal-ħiliet diġitali rilevanti, u l-ħidma kontinwa għal approċċ iċċentrat fuq il-bniedem. Ser niffukaw l-attenzjoni tagħna fuq proposti pendenti dwar l-intelliġenza artifiċjali, l-aċċess u l-użu tad-data, ir-reżiljenza ċibernetika u ċ-ċibersigurtà, u t-tiswija tal-industrija tad-difiża tagħna. Biex niżguraw provvista adegwata u diversifikata għat-tranżizzjoni doppja, ser nagħtu prijorità lill-miżuri dwar il-materja prima kritika u l-materjali tal-art rari, kif ukoll is-semikondutturi. Biex ninkoraġġixxu teknoloġiji innovattivi, ser nagħxnu fuq il-qafas regolatorju għall-hyperloop, il-programm il-ġdid tal-politika tal-ispettru tar-radju u komunikazzjoni sigura bbażata fl-ispazju. Ser nagħxnu fuq l-ispazju komuni Ewropew tad-data dwar il-mobbiltà. Ser insaħħu s-suq uniku, wieħed mill-assi ewlenin tagħna, inkluż billi naħdmu fuq l-Istrument għall-Emerġenzi fis-Suq Uniku u fuq it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fuq il-pjattaformi. Ser naħdmu wkoll għal regoli ġodda effiċjenti dwar il-privattivi u nappoġġaw lill-SMEs fi żminijiet diffiċli, inkluż permezz ta' regoli riveduti dwar il-ħlas tard.
3. Dwar l-**ekonomija li taħdem għan-nies**, ser inżidu l-isforzi biex nagħtu spinta lill-kompetittività, niżguraw it-ktabbir u noħolqu opportunitajiet ta' impjeg għaċ-ċittadini Ewropej. Ser niffukaw b'mod partikolari fuq iż-żgħażaġh u l-iżvilupp ta' ħiliet rilevanti. Ser inneħħu l-ostakli u l-piżijiet li qed iżommu lura l-kumpaniji ż-żgħar tagħna. Ser nagħxnu biex inressqu pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs u biex nappoġġaw u nġinu lin-negozji, inkluż permezz ta' aċċess aktar faċli għall-kapital u d-data, soluzzjonijiet ta' pagament rapidi u innovattivi, u regoli simplifikati dwar l-insolvenza. Ser inkomplu nagħtu prijorità lill-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u d-dikjarazzjoni tas-Summit ta' Porto, u nieħdu aktar miżuri biex niżguraw li d-dimensjoni soċjali titqies fl-azzjonijiet kollha tagħna, inkluż id-dritt għall-iskonnessjoni u l-eliminazzjoni tad-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi. Ser naħdmu lejn ftehim rapidu dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali biex tiġi appoġġata l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, kif ukoll dwar l-assigurazzjoni tad-depożiti, il-governanza korporattiva sostenibbli, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, u dwar projbizzjoni fuq prodotti magħmula b'xogħol furzat. Ser nagħtu l-attenzjoni dovuta lir-rieżami tal-governanza ekonomika tal-UE biex niżguraw li jaħdem biex jagħti appoġġ lill-ekonomija tal-UE u tal-Istati Membri u ser naħdmu biex insaħħu s-swieq kapitali u r-rwol tal-euro, inkluż l-euro diġitali, u nlestu l-unjoni bankarja. Ser nagħmlu ħilitna biex nagħmlu progress fir-riforma globali tat-taxxa. Biex nappoġġaw l-iżvilupp sostenibbli globalment, ser naħdmu lejn ftehim rapidu dwar l-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati, u lejn kodiċi doganali riformati.

(<sup>1</sup>) Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa — Rapport dwar l-eżitu finali, disponibbli fuq <https://futureu.europa.eu/mt/pages/reporting>

(<sup>2</sup>) Skont il-Proċedura Leġiżlattiva Ordinaria.

4. Għal Ewropa **aktar b'saħħitha fid-dinja**, irridu nuru l-appoġġ sod tagħna lill-Ukrajna u nżommu sod fil-prinċipji ewlenin tagħna tal-multilateraliżmu u l-ordni bbażat fuq ir-regoli, kif ukoll fl-impenn tagħna għall-iżvilupp u l-ġhajjnuna umanitarja. F'konformità mal-Boxxla Strateġika, ser naħdmu aktar biex nagħtu spinta lill-kapaċitajiet komuni tagħna ta' difiża u sigurtà u lir-reżiljenza tagħna, inkluż kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin. Ser naġixxu biex nistabbilixxu sett ta' għodod qafas biex niġġieldu kontra l-korruzzjoni. Ser inkomplu l-kooperazzjoni tagħna mal-pajjiżi kandidati fil-Balkani tal-Punent, flimkien mal-Ukrajna, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Georgia, bil-ħsieb tal-adeżjoni futura tagħhom mal-Unjoni. Biex insaħħu r-reżiljenza tal-UE u niddiversifikaw il-ktajjen tal-provvista tagħna, ser nippromwov u r-ratifika sħiħa tal-ftehimiet kummerċjali u nsaħħu l-involviment tagħna ma' sħab u alleati tal-istess fehma.
5. Biex **nippromwov l-istil ta' haġja Ewropew tagħna**, ser nagħtu prijorità assoluta lill-finalizzazzjoni tar-riforma tal-qafas leġiżlattiv dwar il-migrazzjoni u l-ażil qabel tmiem il-leġiżlatura, abbażi tal-pjan direzzjonali konġunt dwar il-patt dwar il-migrazzjoni u l-ażil. Ser nimmiraw ukoll li nilħqu progress rapidu dwar il-pakkett dwar il-migrazzjoni legali, u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen rivedut. Bħala parti mis-Sena Ewropea proposta għall-Ħiliet, għandna l-għan li naħdmu bħala prijorità fuq il-proposta li jmiss dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki ta' pajjiżi terzi kif ukoll l-appoġġ għall-mobbiltà għat-tagħlim fl-UE. Ser naġixxu biex nikkonkludu l-ħidma fuq id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri tal-viża u d-dokumenti tal-ivvjaġġar, l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi, il-miżuri kontra t-traffikar, l-obbligu li tiġi kkomunikata informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri, l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat mill-kriminalità, kif ukoll il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal. Biex inkomplu nibnu l-Unjoni Ewropea tas-Saħħa, ser nagħtu prijorità lill-adozzjoni u l-implimentazzjoni rapidi tal-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa. Ser nagħtu wkoll attenzjoni speċjali biex nindirizzaw il-kwistjoni tas-saħħa mentali u l-prevenzjoni tal-kanċer.
6. Biex **niproteġu d-demokrazija u l-valuri tagħna** minn theddid bla preċedent, ser nużaw l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħna biex insaħħu u niddefendu l-istat tad-dritt, l-ugwaljanza u l-antidiskriminazzjoni, kif ukoll il-libertà u l-pluraliżmu tal-media fl-Unjoni. Ser naħdmu malajr biex nikkonkludu l-ħidma fuq it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku, l-istatut u l-finanzjament tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej u d-drittijiet elettoralni tal-Ewropej mobbli fil-ħin għall-elezzjonijiet li jmiss tal-Parlament Ewropew. Ser nagħtu attenzjoni partikolari lil aktar inizjattivi biex insaħħu r-reżiljenza demokratika minn ġewwa, u niddefendu s-sistema demokratika tagħna minn interessi esterni, diżinformazzjoni u interferenza minn barranin, flimkien mat-tisħiħ tal-qafas leġiżlattiv tagħna kontra l-korruzzjoni. Ser nagħtu prijorità lit-trasparenza fil-pagi kif ukoll lill-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika. Ser naġixxu biex nissalvagwardjaw id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà u nippromwov u s-solidarjetà interġenerazzjonali.

Barra minn hekk, lil hinn mill-ħidma skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, niddikjaraw l-impenn tagħna:

- li nibqgħu nappoġġaw lill-Ukrajna u nindirizzaw l-impatt tal-aggressjoni Russa fuq iċ-ċittadini u n-negozji tagħna;
- li nkomplu nimplimentaw il-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza;
- li, hekk kif infakkru t-30 anniversarju tas-suq uniku fl-2023, naħdmu flimkien biex napprofonduh billi nneħħu l-ostakli u nimlew il-lakuni, speċjalment fis-settur tas-servizzi, biex nisfruttaw il-qawwa sħiħa tiegħu;
- li fil-kuntest tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet, nippromwov u l-Ewropa bħala post attraenti għall-ħaddiema tas-sengħa u biex niffaċilitaw il-mobbiltà intra-UE ta' ħaddiema tas-sengħa u tat-trainees;
- li nħaffu l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-iżvilupp sostenibbli;
- li nistinkaw għal ambizzjoni ogħla u aktar azzjoni fil-livell globali biex jiġu indirizzati l-kriżijiet interkonnessi tal-klima u tal-bijodiversità;
- li nsaħħu l-kuntatti diplomatiċi tagħna mas-sħab madwar id-dinja, inkluż permezz tal-istrateġija Global Gateway, filwaqt li nippromwov standards għolja ambjentali, tas-saħħa, soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem;
- li noffru perspettiva Ewropea kredibbli lill-Ukrajna, lir-Repubblika tal-Moldova u lill-Georgia, flimkien mal-Balkani tal-Punent, u li nżommu l-appoġġ tagħna għas-Sħubija tal-Lvant u l-Viċinat tan-Nofsinar;
- li nagħtu prijorità lill-ftehimiet kummerċjali ma' sħab tal-istess fehma, li nsaħħu r-relazzjonijiet mal-Amerka Latina u l-Karibew, u li nikkonsolidaw sħubija mgiedda mal-Afrika;
- li nindirizzaw it-theddid li jirriżulta mill-kriminalità organizzata tranżnazzjonali u l-organizzazzjonijiet terroristiċi billi nkomplu insewgu l-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà 2020-2025.

Bħala l-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni Ewropea, aħna nimpenjaw lill-istituzzjonijiet tagħna biex fl-2023 u l-2024 jaħdmu fuq dawn il-prijoritajiet komuni, iggwidati mill-prinċipji fundamentali ta' fiduċja reċiproka, rispett, u spirtu kollaborattiv. Il-futur tal-Ewropa jinsab fil-kapaċità tagħha li tadatta b'ħeffa, fortitudni u għaqda.

Ser naħdmu flimkien ukoll biex niżguraw l-implimentazzjoni u l-infurzar xierqa tal-leġislazzjoni eżistenti u ser nimmonitorjaw mill-qrib l-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva ta' din id-Dikjarazzjoni Konġunta.

Съставено в Брюксел на петнадесети декември две хиляди двадесет и втора година.

Hecho en Bruselas, el quince de diciembre de dos mil veintidós.

V Bruselu dne patnáctého prosince dva tisíce dvacet dva.

Udfærdiget i Bruxelles den femtende december to tusind og toogtyve.

Geschehen zu Brüssel am fünfzehnten Dezember zweitausendzweiundzwanzig.

Kahe tuhande kahekümne teise aasta detsembrikuu viieteistkümnendal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις δέκα πέντε Δεκεμβρίου δύο χιλιάδες είκοσι δύο.

Done at Brussels on the fifteenth day of December in the year two thousand and twenty two.

Fait à Bruxelles, le quinze décembre deux mille vingt-deux.

Arna dhéanamh sa Bhruiséil, an cúigiú lá déag de mhí na Nollag sa bhliain dhá mhíle fiche a dó.

Sastavljeno u Bruxellesu petnaestog prosinca godine dvije tisuće dvadeset druge.

Fatto a Bruxelles, addì quindici dicembre duemilaventidue.

Briselē, divi tūkstoši divdesmit otrā gada piecpadsmiņā decembrī.

Priimta du tūkstančiai dvidešimt antrų metų gruodžio penkioliką dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-huszonkettedik év december havának tizenötödik napján.

Magħmul fi Brussell, fil-ħmistax-il jum ta' Diċembru fis-sena elfejn u tnejn u għoxrin.

Gedaan te Brussel, vijftien december tweeduizend tweeëntwintig.

Sporządzono w Brukseli dnia piętnastego grudnia roku dwa tysiące dwudziestego drugiego.

Feito em Bruxelas, em quinze de dezembro de dois mil e vinte e dois.

Ħntocmit la Bruxelles la cincisprezece decembrie două mii douăzeci și doi.

V Bruseli pätnásteho decembra dvetisícdvadsaťdva.

V Bruslju, petnajstega decembra dva tisoč dvaindvajset.

Tehty Brysselissä viidentenätoista päivänä joulukuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäkaksi.

Som skedde i Bryssel den femtonde december år tjugohundratjugotvå.

За Европейския парламент  
 Por el Parlamento Europeo  
 Za Evropský parlament  
 For Europa-Parlamentet  
 Für das Europäische Parlament  
 Euroopa Parlamendi nimel  
 Για το Ευρωπαϊκό Κοινοβούλιο  
 For the European Parliament  
 Par le Parlement européen  
 Thar ceann Pharlaimint na hEorpa  
 Za Evropski parlament  
 Per il Parlamento europeo  
 Eiropas Parlamenta vārdā –  
 Europos Parlamento vardu  
 az Európai Parlament részéről  
 Għall-Parlament Ewropew  
 Voor het Europees Parlement  
 W imieniu Parlamentu Europejskiego  
 Pelo Parlamento Europeu  
 Pentru Parlamentul European  
 Za Európsky parlament  
 Za Evropski parlament  
 Euroopan parlamentin puolesta  
 För Europaparlamentet

Председател  
 La Presidenta  
 Předsedkyně  
 Formand  
 Die Präsidentin  
 President  
 Η Πρόεδρος  
 The President  
 La présidente  
 An tUachtarán  
 Předsednice  
 La Presidente  
 Priekšsēdētāja  
 Pirmininkė  
 Az elnök  
 Il-President  
 De Voorzitter  
 Przewodnicząca  
 A Presidente  
 Președinta  
 Predsednička  
 Predsednica  
 Puhemies  
 Ordförande

Roberta METSOLA

За Съвета на Европейския съюз  
 Por el Consejo de la Unión Europea  
 Za Radu Evropské unie  
 For Rådet for Den Europæiske Union  
 Für den Rat der Europäischen Union  
 Euroopa Liidu Nõukogu nimel  
 Για το Συμβούλιο της Ευρωπαϊκής Ένωσης  
 For the Council of the European Union  
 Pour le Conseil de l'Union européenne  
 Thar ceann na Comhairle  
 Za Vijeće Europske unije  
 Per il Consiglio dell'Unione europea  
 Eiropas Savienības Padomes vārdā  
 Europos Sąjungos Tarybos vardu  
 Az Európai Unió Tanácsa részéről  
 Għall-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea  
 Voor de Raad van de Europese Unie  
 W imieniu Rady Unii Europejskiej  
 Pelo Conselho da União Europeia  
 Pentru Consiliul Uniunii Europene  
 Za Radu Európskej únie  
 Za Svet Evropske unije  
 Euroopan unionin neuvoston puolesta  
 För Europeiska unionens råd

Председател  
 El Presidente  
 Předseda  
 Formand  
 Der Präsident  
 Eesistuja  
 Ο Πρόεδρος  
 The President  
 Le Président  
 An tUachtarán  
 Předsedník  
 Il Presidente  
 Priekšsēdētājs  
 Pirmininkas  
 Az elnök  
 Il-President  
 De Voorzitter  
 Przewodniczący  
 O Presidente  
 Președintele  
 Predseda  
 Predsednik  
 Puheenjohtaja  
 Ordförande

Petr FIALA

За Европейската комисия  
 Por la Comisión Europea  
 Za Evropskou komisi  
 For Europa-Kommissionen  
 Für die Europäische Kommission  
 Euroopa Komisjoni nimel  
 Για την Ευρωπαϊκή Επιτροπή  
 For the European Commission  
 Par la Commission européenne  
 Thar ceann an Choimisiúin  
 Za Evropsku komisiju  
 Per la Commissione europea  
 Eiropas Komisijas vārdā –  
 Europos Komisijos vardu  
 az Európai Bizottság részéről  
 Għall-Kummissjoni Ewropea  
 Voor de Europese Commissie  
 W imieniu Komisji Europejskiej  
 Pela Comissão Europeia  
 Pentru Comisia Europeană  
 Za Európsku komisiju  
 Za Evropsko komisijo  
 Euroopan komission puolesta  
 För Europeiska kommissionen

Председател  
 La Presidenta  
 Předsedkyně  
 Formand  
 Die Präsidentin  
 President  
 Η Πρόεδρος  
 The President  
 La présidente  
 An tUachtarán  
 Předsednice  
 La Presidente  
 Priekšsēdētāja  
 Pirmininkė  
 Az elnök  
 Il-President  
 De Voorzitter  
 Przewodnicząca  
 A Presidente  
 Președinta  
 Predsednička  
 Predsednica  
 Puheenjohtaja  
 Ordförande

Ursula von der LEYEN

**Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni**

(2022/C 491/02)

L-Unjoni tibqa' impenjata lejn sistema kummerċjali multilaterali miftuħa u bbażata fuq ir-regoli, b'WTO modernizzata fil-qalba tagħha, u biex tkompli ttejjeb l-effettività tal-qafas multilaterali dwar is-sussidji. Hija tirriaferma l-impenn tagħha li tappoġġa l-modernizzazzjoni tar-regoli tad-WTO biex jiġu indirizzati d-distorsjonijiet għall-kummerċ u għall-kompetizzjoni. B'mod partikolari, l-Unjoni ser timpenja ruħha fl-immodernizzar tar-regoli dwar is-sussidji industrijali biex jittejjeb il-funzjonament xieraq tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kumpensatorji (ASCM) u biex jiġu promossi l-konformità u l-infurzar.

---



**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar regoli multilaterali biex jiġu indirizzati s-sussidji barranin distorsivi meta jiġi adottat ir-Regolament (UE) 2022/2560 <sup>(1)</sup>**

(2022/C 491/03)

Fit-30 ta' Ġunju 2022, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea laħqu ftehim dwar ir-Regolament dwar sussidji barranin li joħlqu distorsjoni fis-suq intern <sup>(2)</sup>. Dan ir-Regolament jikkumplementa d-dixxiplini Ewropej u internazzjonali eżistenti dwar is-sussidji u l-kontroll tas-sussidji. Huwa jittratta d-distorsjonijiet ikkawżati minn sussidji barranin fis-suq intern tal-Unjoni.

Is-sussidji jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-kummerċ internazzjonali u jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni kemm fis-setturi tradizzjonali kif ukoll fit-teknoloġiji l-ġodda. F'xi każijiet, is-sussidji mhux ikkontrollati jistgħu jirriżultaw ukoll f'kapaċitajiet eċċessivi, għad-detriment ta' dinamika tas-suq b'saħħha. L-UE teħtieġ li tkompli tikseb il-benefiċċji tal-opportunitajiet internazzjonali filwaqt li tiżviluppa għodod biex tindirizza Prattiki kummerċjali inġusti, kemm internament kif ukoll esternament <sup>(3)</sup>. Dan ir-Regolament għandu jikkontribwixxi għat-titjib tar-reżiljenza tas-suq intern tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tiegħu kontra distorsjonijiet ikkawżati minn sussidji barranin. B'dan il-mod, l-Unjoni tikkomplementa s-sett ta' għodod tagħha bil-ħsieb li jinkisbu l-oġettivi tal-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni.

Bil-ħsieb li jiġu indirizzati l-impatti negattivi tas-sussidji, u filwaqt li jiġi rikonoxxut li r-regoli tad-WTO jistgħu ma jkunux effettivi biżżejjed fl-indirizzar tal-effetti konsegwenzjali negattivi tal-intervent mill-Istat fl-ekonomija, inkluż għal ċerti setturi industrijali, il-Kummissjoni Ewropea tibqa' impenjata li tkompli ssaħħa l-effettività tal-qafas multilaterali dwar is-sussidji, u hija determinata li tinsisti bil-qawwa għal qafas legali li jkun mgħammar sew biex jindirizza d-distorsjonijiet għall-kummerċ u għall-kompetizzjoni u għal kundizzjonijiet ekwi <sup>(4)</sup>. B'mod partikolari, il-Kummissjoni hija impenjata għall-immodernizzar tar-regoli dwar is-sussidji industrijali biex jittejjeb il-funzjonament xieraq tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kumpensatorji (ASCM) u tiġi promossa l-konformità miegħu. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni Ewropea tfakkar fil-kooperazzjoni trilaterali kontinwa tagħha mal-Ġappun u l-Istati Uniti.

Ir-regoli dwar is-sussidji huma stabbiliti b'mod partikolari fl-ASCM, li jstabbilixxi projbizzjonijiet ta' ċerti sussidji u azzjonijiet kontra l-effetti negattivi tas-sussidji fil-kuntest tal-kummerċ tal-merkanzija. Fir-rigward tal-Unjoni, dawn ir-regoli huma, sa fejn huma relatati mas-sussidjar kumpensatorju, implimentati bir-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea <sup>(5)</sup>. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/1037 huwa dterminat mill-kamp ta' applikazzjoni tal-ASCM.

Ir-Regolament dwar is-sussidji barranin li jfixxli s-suq intern huwa konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, inkluż b'mod partikolari dawk li jirriżultaw mill-ASCM. Il-Kummissjoni Ewropea ser tiżgura li kwalunkwe azzjoni meħuda fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun konsistenti mal-obbligi internazzjonali tagħha.

Il-Kummissjoni biħsiebha tagħmel użu sħiħ minn dan ir-Regolament il-ġdid biex tindirizza d-distorsjonijiet ikkawżati minn sussidji barranin fis-suq intern.

<sup>(1)</sup> ĠU L 331, 23.12.2022, p. 1.

<sup>(2)</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sussidji barranin li joħlqu distorsjoni fis-suq intern, COM(2021)0223.

<sup>(3)</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Rieżami tal-Politika Kummerċjali – Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva tat-18 ta' Frar 2021, COM(2021)0066.

<sup>(4)</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Rieżami tal-Politika Kummerċjali – Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva tat-18 ta' Frar 2021, COM(2021)0066.

<sup>(5)</sup> Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55).

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar kjarifiki fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament 2022/2560, skont l-Artikolu 46 tiegħu**

(2022/C 491/04)

Il-Kummissjoni timpenja ruħha li tiċċara l-applikazzjoni tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2022/2560 <sup>(1)</sup> dwar l-eżistenza ta' distorsjoni kkawżata minn sussidju barrani fis-suq intern, l-applikazzjoni tat-test tal-ibbilanċjar stabbilit fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament, u l-valutazzjoni ta' distorsjoni fi proċedura ta' akkwist pubbliku stabbilita fl-Artikolu 27(1) ta' dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni ser tippubblika dawn il-kjarifiki inizjali mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara d-data tal-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Il-linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2022/2560 jistgħu jissostitwixxu dawn il-kjarifiki inizjali.

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 331, 23.12.2022, p. 1.

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U  
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Irtirar tan-notifika ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.10838 — BERSAN EUROPEA DE AUTOMOCION / ASTARA WESTERN EUROPE)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 491/05)

Fis-16 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

Fis-16 ta' Diċembru 2022, il-parti notifikanti infurmat lill-Kummissjoni li hija rtirat in-notifika tagħha.

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

## IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro <sup>(1)</sup>****It-22 ta' Diċembru 2022**

(2022/C 491/06)

**1 euro =**

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,0633	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4484
JPY	Yen Ġappuniż	140,42	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,2883
DKK	Krona Daniża	7,4367	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6918
GBP	Lira Sterlina	0,88243	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,4356
SEK	Krona Żvediża	11,0500	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 361,75
CHF	Frank Żvizzeru	0,9852	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	18,2238
ISK	Krona İzlandiża	153,30	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,4229
NOK	Krona Norveġiża	10,4123	HRK	Kuna Kroata	7,5380
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	16 525,91
CZK	Krona Ċeka	24,215	MYR	Ringgit Malażjan	4,7051
HUF	Forint Ungeriż	402,13	PHP	Peso Filippin	58,705
PLN	Zloty Pollakk	4,6443	RUB	Rouble Russu	
RON	Leu Rumun	4,8993	THB	Baht Tajlandiż	36,849
TRY	Lira Turka	19,8553	BRL	Real Brażiljan	5,5386
AUD	Dollaru Awstraljan	1,5804	MXN	Peso Messikan	20,8485
			INR	Rupi Indjan	88,0365

<sup>(1)</sup> Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.



ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)